12 ta' Mejju, 1953.

Imhallef :
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmelo Bartolo

**Spergur — Xhieda ta' l-Akkużat — Art. 103 u 630 tal-Kodiċi Kriminali.**

***L-imputat li jixhed il-falz f'kawża kriminali li saret kontra tiegħu stess jirrendi ruħu ħati ta' falsa testimonjanza l-istess bħal kieku dak l-ispergur gie kommess minn xhud li huwa persuna diversa mill-imputat.***

Il-Qorti, — Blatt tar-rinviju ta' l-Attorney General tas-26 ta' Jannar 1953 gew rinvijati lill-Qorti Kriminali tal-Ma-

ġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta l-attijiet tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputat fuq l-akkuża li dan, fl-4 ta' Ottubru 1952, ikkommetta sperġur billi ta xhieda falza fil-kawża kontra tiegħu fil-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina f'sedi ta' appell, sabiex dik il-Qorti tiddeċidi fuq ħtija li tista' tirriżulta kontra l-imputat taħt dak li hemm maħsub fl-art. 103, b'riferenza għall-art. 118 (2) u 107 tal-Kodiċi Kriminali, barra kull ċirkustanza oħra; u l-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tad-19 ta' Frar 1953, sabet lill-imputat ħati ta' falsa testimonjanza skond l-akkuża, u, wara li rat l-art. 103, 118 (2) u 107 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-imputat għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien tlettax-il xahar, u ordnat l-interdizzjoni ġenerali tiegħu, kif ukoll li jservi bħala xhud ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja, u bħala perit f'kull każ li jkun, għal żmien għaxar snin, u fl-aħħarnett ordnat illi din is-sentenza tiġi publikata fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-art. 12 para. 7 tal-Kodiċi Kriminali;

L-imputat appella minn dik is-sentenza quddiem din il Qorti;

Il-Qorti rat l-attijiet tal-kawża...........;

Il-motivi ta' l-appell huma li l-liġi ma tikkontemplax il-każ ta' min jixhed il-falz f'sedi kriminali f'kawża tiegħu stess, u li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti hija eċċessiva;

Fuq l-ewwel motiv il-Qorti taqbel mad-difiża, li l-art. 103 tal-Kodiċi Kriminali per sè ma jikkontemplax il-każ ta' min jixhed il-falz f'kawża kriminali tiegħu stess, kif jidher ċar mid-dizzjoni ta' dik id-dispożizzjoni tal-liġi. U tabilħaqq, il-kliem "sew kontra kemm favur l-akkużat" juru li f'dak l-artikolu l-liġi tirriferixxi għal persuna differenti mill-akkużat, u mhux għall-akkużat stess. Huwa veru li b'dawk il-kliem il-liġi tikkunsidra ugwalment delitt il-każ ta' min b'xhieda falza fil-kawża kriminali jiffavorixxi l-akkużat daqs dak ta' min jgħakkes lill-istess akkużat, u dana biex telimina preġudizzju popolari u tittutela l-ġustizzja; iżda huwa xorta waħda veru illi, kieku l-liġi riedet tikkomprendi l-każ ta' l-akkużat stess li jixhed il-falz fil-kawża tiegħu, il-liġi kienet tuża espressjoni oħra, u mhux tagħmel riferenza għal xhud divers

mill-akkużat. Dan jitkompla jissaħħaħ meta jsir il-paragun ma' l-art. 104, fejn, bla distinzjoni xejn, il-liġi tolqot kwalunkwe sperġur f'sedi ċivili. U dan ma setax kien xort'oħra, għax meta sar l-art. 103 fuq imsemmi, il-liġi kienet lanqas tippermetti lill-akkużat jixhed fil-kawża tiegħu stess, u għalhekk il-figura ta' sperġur ta' l-akkużat f'kawża kriminali tiegħu stess allura lanqas kienet possibili;

Iżda b'daqshekk ma jistax jingħad li l-liġi ommettiet li tikkontempla l-każ ta' sperġur ta' l-akkużat li jixhed il-falz f'kawża tiegħu stess f'sedi kriminali; għax meta bl-emenda ta' l-Ordinanza VIII ta' l-1909 l-akkużat ġie ammess ħalli jixhed fil-kawża tiegħu nnifsu, ġie wkoll stabbilit li "id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar ix-xhieda jgħoddu għall-imputat jew akkużat li jagħti x-xhieda tiegħu taħt ġurament" (art. 630 Kodiċi Kriminali). Għalkemm dik id-dispożizzjoni tinsab fil-Parti Proċedurali tal Kodiċi, b'dana ma jiġix li tirrigwarda biss materja proċedurali. Il-post fejn qiegħda fil-Kodiċi ma jillimitax is-sens u l-portata ta' dik id-dispożizzjoni, għax xorta waħda qiegħda fil-Kodiċi Kriminali, u r-riferenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi b'mod ġeneriku u komprensiv tinkludi anki l-artikolu tal-liġi sostanzjali tal-Kodiċi li jikkontempla l-isperġur tax-xhieda f'sedi kriminali, billi jqiegħed fl-istess kondizzjoni tax-xhieda anki lill-akkużat li jkun offra li jixhed fil-kawża tiegħu. Li kieku l-art. 630 fuq imsemmi kien intiż biss biex japplika għall-akkużat li jixhed id-dispożizzjoni tal-proċedura, kieku kienet issir sempliċi riferenza għall-liġijiet proċedurali biss, u mhux għall-liġi "sic et simpliciter", u għalhekk għal-liġi kollha hemm hi bl-akbar mod komprensiv. U fil-prattika l-art. 630 dejjem ġie interpretat f'dan is-sens, sa minn meta ġie introdott fil-liġi. Għaldaqstant l-ewwel motiv ta' l-appell ma għandu ebda fondament;

Fuq it-tieni motiv, il-Qorti tirrileva li minħabba l-gravità tax-xhieda falza l-piena xejn ma hija eċċessiva; anzi għamlet sewwa l-Ewwel Qorti li feċċet li tiskoraġġixxi permezz ta' piena adegwata l-kommissjoni tad-delitt ta' sperġur, li tant ifixkel l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, bi ħsara tas-si-

gurtà u paċi taċ-ċittadini;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.